MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 403/2007

**Jimcam Enterprises Limited C 18640**

**Vs**

**Chas Ltd C 8451**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ rikorrenti talbet sabiex dik intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lil dik intimata s-somma ta’ erbat elef disgha mija tlieta u hamsin lira u tmienja u tletin centezmi (Lm4,953.38), bilanc dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici ghall-bejgh ta’ zebgha, spray-painting equipment, masking tape u prodotti relatati, imghaxijiet u spejjez relattivi, b’riserva ta’ l-imghaxijiet ulterjuri, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-istess socjeta' intimata (fol 8 tal-atti) u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi s-socjeta' esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-procedura uzata ta' Avviz hija irrita u nulla;
2. Bla pregudizzju ghall-premess hemm ir-'res gudicata' peress illi l-vertenza gia' giet deciza fi tlett kawzi fl-istess ismijiet premessi, l-Avvizi numri 1570/2004JB, 1575/04JB, 1577/04JB, bi tlett sentenzi moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-20 ta' April 2006;
3. Ukoll bla pregudizzju ghall-premess hemm il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;
4. Fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta' attrici;
5. Fi kwalunkwe kaz, l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici, li ghandha tipprezenta statement dettaljat, huwa eccessiv;
6. Salvi risposta ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar <u>l-eccezzjonijiet preliminari</u> sottomessi mis-socjeta' intimata.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza kif premess hi limitata ghall-eccezzjonijiet preliminari cjoe' dawk enumerati minn numri wiehed (1) sa numru tlieta (3) fir-<u>risposta</u> msemmija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward <u>l-ewwel (1) eccezzjoni,</u> din di gja giet trattata u nghata d-digriet relattiv kif jirrisulta mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' April 2008 a fol 11 tal-istess atti.

Illi in rigward <u>it-tieni (2) eccezzjoni</u> li biha s-socjeta' intimata tirretjeni illi il-meritu ta' din il-kawza gie, di gja, deciz finalment ('res judicata') wiehed jrid jara illi kien

hemm sentenza finali bejn l-istess partijiet u in rigward l-istess meritu bhal dak li qed jigi trattat f'din il-kawza. Dwar dan il-punt, is-socjeta' intimata ghamlet referenza ghal tlett (3) sentenzi moghtija, filfatt, bejn l-istess partijiet involuti f'dan il-kaz, bl-atti relattivi annessi ma' dawn l-atti (ara d-digriet moghti fis-seduta tat-23 ta' April 2008 u li jinsab a fol 111 ibid). Din il-Qorti rat l-atti ta' dawn it-tlett kawzi w is-sentenzi relattivi ghall-avvizi numru 1570/04JB, 1575/04JB u 1577/04JB u minn esami taghhom jirrisulta illi, skond is-sentenza moghtija fl-20 ta' April 2006 in rigward l-avviz numru 1577/04, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar kien cahad it-talbiet attrici billi gew milqugha l-ewwel (1) eccezzjoni w it-tieni (2) eccezzjoni li kienu jghidu:

1. L-inkompetenza 'ratione valoris' peress li l-ammont reklament huwa parti minn ammont akbar f'kont kurrenti li jeccedi l-Lm1500 u;
2. Bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub hu eccessiv.

Illi din is-sentenza giet reza applikabbli ukoll ghaz-zewg kazijiet l-ohra (avviz numru 1570/07 u 1575/07).

Illi a bazi ta' dawn it-tlett sentenzi, is-socjeta' konvenuta qed issostni illi l-meritu, f'dan il-kaz in esami, gie deciz finalment u dan, ghalhekk jikkostitwixxi 'res judicata'.

Ikkunsidrat

Illi, 'prima facie', jidher illi t-Tribunal meta laqa' t-tieni (2) eccezzjoni sottomessa mis-socjeta' konvenuta, kien iddecieda l-meritu tat-tlett kazijiet imsemmija.

Illi, pero', l-istess Tribunal kien iddecieda, ukoll, l-ewwel (1) eccezzjoni li, kienet ta' natura preliminari, trattasi ta' inkompetenza 'ratione valoris'. Din il-Qorti minhabba dak li ghadu kemm inghad tikkontendi illi l-istess Tribunal kien la darba akkoljiha jmissu waqaf hawn, minghajr ma jiddeciedi t-tieni (2) eccezzjoni li kienet tinvolvi l-meritu tal-kazijiet Quddiemu. Konsegwentement, din il-Qorti, fuq bazi ta' ekwita qed tikkonsidra dawn it-tlett sentenzi

moghtija mit-Tribunal bhala decisjonijiet preliminari biss u mhux bhala sentenzi fil-meritu ukoll. Minhabba dan, it-tieni eccezzjoni ma' tistax tigi akkolta minn din l-Qorti u ghalhekk ser tigi deciz t-tielet (3) eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, permezz ta' din l-eccezzjoni, is-socjeta' konvenuta tikkontendi illi din l-azzjoni hi preskritta skond l-artiklu 2148(b) tal-Kodici Civli li jghid illi azzjonijiet ta' kredituri ghal prezz ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ('by retail') huma preskritti bit-trapass ta' tmintax-il (18) xahar.

Illi, pero' minn esami tal-provi prodotti, jidher car illi l-oggetti in kwistjoni kienu nbieghu bl-ingrossa u mhux bl-imnut u dan b'referenza ghaz-zebgha u dan minhabba l-kwantita involuta kif ukoll il-prezz relattiv (ara fol 97 u fol 102 sa fol 107 ibid). In rigward l-apparat involut, ghandha ssir referenza ghall-ftehim ta' "leasing' esebit, in atti, a fol 98.

Illi, oltre dak li ghadu kemm inghad, ghandu jigi konsiderat il-fatt illi l-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli kien interrott baqa' sospiz mid-data tal-presentata ta' tlett avvizi msemmija sakemm dawn gew decizi mit-Tribunal imsemmi.

Ikkunsidrat

Illi, minhabba dak premess, irrisulta f'dan il-kaz illi l-artikolu 2148(b) hawn fuq citat ma hux applikabbli ghal applikabbli ghal dan il-kaz u li, fl-istess kaz, it-termini preskritti tal-azzjoni hu ta' hames (5) snin skond l-artikolu 2156(f) tal-istess Kodici, liema terminu minhabba dak premess, ma skadiex.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) eccezzjoni waqt li tichad it-tieni (2) u tielet eccezzjoni u Tornda li dan il-kaz jitkompla fil-meritu u sabiex jigu decizi l-eccezzjonijiet rimanenti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------